# Il-Batterija ta' Spinola

kitba ta' Chev. Mario Coleiro

Wieħed mill-iktar xogħlijiet li wettqu l-Kavallieri f'Malta u li baqgħu msemmijin għalih kien ix-xogħol fuq id-difiża ta' dawn il-gżejjer. Mhux ta' b'xejn li l-gżira ta' Malta tlaqqmet bħala *il-gżira fortizza*. Dan il-laqam ingħata lil Malta minħabba n-numru kbir ta' fortizzi biex iħarsuha u s-sistema formidabbli ta' difiża li kellha.

Meta l-Franċiżi keċċew minn Malta lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, sabu sistema ta' difiża fi stat tajjeb ħafna u b'saħħitha. Għalhekk, ma damux ma okkupaw il-fortizzi kollha u stabilixxew sistema ta' tmexxija. Il-liġijiet Franċiżi kienu iebsin u bdew joħorġu waħda wara l-oħra.

Meta l-Maltin qamu kontra l-Franċiżi fl-1798 kellhom jiġġieldu kontra dawn il-fortifikazzjonijiet li ironikament kienu nbnew biex jiddefenduhom mill-għedewwa. Fil-fatt, ħafna mis-swar ta' Malta, ħlief għal dawk tal-Imdina, tal-Birgu, tal-Isla u ta' Sant' Iermu, qatt ma kienu ntużaw f'konfront dirett jew f'invażjoni.

Għalhekk, meta l-Franċiżi ngħalqu fl-ibliet u fil-fortizzi, kienu l-Maltin li kellhom jattakkaw u jagħmlu assedju fuqhom. Wara kważi sentejn ta' gwerra, il-Franċiżi ċedew u telqu.

Meta l-Ingliżi bdew jistabilixxu ruħhom bħala ħakkiema ta' Malta, ma damux ma ntebħu bl-importanza strateġika li kellhom il-gżejjer tagħna u kien għalhekk li komplew jiffortifikawhom u jsaħħuhom. Hekk naraw li nbnew numru ta' fortizzi mferrxin ma' Malta kollha. Barra minn dawn il-fortizzi, ħasbu ukoll biex, kif kienu għamlu l-Kavallieri snin qabel, jibnu numru ta' batteriji u trunċieri biex dejjem jaħsbu biex jilqgħu kontra xi invażjoni minn fuq il-baħar. Hekk naraw li f'diversi postijiet u daħliet kennija nbnew dawn il-batteriji.

Waħda minn dawn il-batteriji nbniet fid-daħla tal-Bajja ta' San Ġiljan



Id-Dragonara, il-Batterija ta' Spinola u l-Bajja ta' San Ġiljan

u ssemmiet *Spinola Battery* . Din inbniet fi żmien il-Gvernatur Smyth fis-sena 1890. Kienet ġiet tiswa s-somma ta' 5000 lira. Il-Gvern Kolonjali Ingliz kien ħaseb biex din il-batterija tkun difiża minn erba' kanuni. Dawn kollha kienu jħarsu lejn il-baħar u bejniethom kellhom il-ħarsien tal-medda baħar faċċata tal-Bajja ta' San Ġiljan.

Meta t-theddida t'invażjoni fuq Malta ma baqgħetx biss minn fuq il-baħar u saret iktar theddida mill-ajru, din il-batterija kienet modifikata biex inbidlet f'*anti-aircraft battery*. Din kienet waħda mir-raġunijiet li din il-batterija kienet attakkata ta' sikwit matul it-Tieni Gwerra Dinjija u għalhekk kienet ġarrbet ħsarat kbar.

Meta l-iżvilupp fl-inħawi ta' San Ġiljan u Paceville beda jikber ġmielu, viċin tal-Batterija ta' Spinola kienet inbniet lukanda. Maż-żmien, din il-lukanda twaqqgħet biex minflokha nbena ċentru turistiku lussuż ħafna magħruf bħala Portomaso.

Il-fdalijiet li kien fadal minn din il-batterija ġew inkorporati f'dan il-kumpless turistiku bħala attrazzjoni.